**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Luigi Duca**

**Distrett**

**Illum 5 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Luigi Duca** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 851349 (M) billi huwa akkuzat talli fix-xahar ta' Awwissu 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk

din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjub hatja ta'reat;

2. Akkuzat aktar ukoll talli iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar;

3. Akkuzat aktar talli bil-hsieb li jaghmel il-hsara lil xi persuna, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtoritajiet kompetenti b'reati, fil-waqt li kont taf li dik il-persuna hija innocenti;

4. Akkuzat aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe ta' Dun Anton Grech, weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba b'disinji jew b' xi mod iehor;

5. Akkuzat aktar talli b'xi mezz, permezz ta' publikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, kien x'kien il-post li minnu origina dal l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir, ta malafama lil xi persuni cioe lil Dun Anton Grech.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile pprezenta fid-19 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 480 *et seq.*) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat prezentata fl-10 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 502 *et seq.*)

**XNIEGHAT IRRESPONSABBLI**

Il-Qorti tal-Magistrati ghandha kaz quddiemha li tittrattah bhal kull kaz iehor bhalu quddiemha. Min jigi akkuzat ghandu dritt illi jiddefendi ruhu - kollox kif tistabbilixxi l-ligi ghal kulhadd.

Hawnhekk ghandna kaz ta' persuna li l-pulizija qieghda takkuzah b'rapport falz fil-konfront ta' sacerdot missjunarju u allura jigbed aktar interess.

Mhux ghax l-akkuzi migjuba kontrih huwa rarita' fil-Qrati taghna tant li f'kull seduta tad-distrett ikun hemm numru ta' kawzi li jkollhom l-istess akkuzi li jinsab mixli bihom l-imputat. Izda kif hareg mill-provi l-imputat ghamel dawn l-akkuzi fil-konfront ta' sacerdot missjunarju li kif hareg mix-xhieda hlief gid m'ghamilx ma' dawk l-ifqar fis-socjeta' fejn iwettaq il-missjoni tieghu.

Il-Qorti tinnota kif meta jkun hemm xi kaz li jinvolvi sacerdot ikun hemm min jghoxa u jispinja kemm jiflah l-allegazzjonijiet li jsiru anke jekk ikunu foloz.

F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Pjazza San Gorg jew fi Triq ir-Repubblika, fuq iz-zuntier ta' xi knisja jew fil-hwienet tal-merca, fuq Facebook, f'xi portal jew blog.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-President tal-Qorti Suprema Lord Neuberger ricentament[1]:

> "*The press and the media generally have a positive duty to keep an eye on things. But I think with that with that power comes the degree of responsibility.*

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe[2]** li:

> *"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Lord Justice Stephenson fil-kaz **Lion Laboratories v Evans**[3] fisser l-interess tal-pubbliku li jkun infurmat:

> *"1. There is a wide difference between what is interesting to the public and what it is in the public interest to make known.*
> *2. The media have a private interest of their own in publishing what appeals to the public and may increase the circulation or the numbers*

[1] 16 ta' Frar 2016 kif irrapurtat mill-*Media Lawyer Bullettin* tal-istess gurnata
[2] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149
[3] Lion Laboratories v Evans [1984] 2 AII E.R. 417

*of their viewers or listeners and as a result they are 'particularly vulnerable to the error of confusing the public interest with their own interest."*[4]

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Ir-retroxena ta' dak kollu li wassal ghall-proceduri odjerni kellha l-bidu b'rapport li kien ghamel l-imputat mal-pulizija. Dan ir-rapport sar nhar it-13 ta' Settembru 2016.

Qabel l-istess rapport kienet ukoll intbaghtet kwerela ghan-nom tal-imputat Luigi Duca nhar l-24 ta' Awwissu 2016, fejn il-pulizija giet mitluba sabiex tiehu proceduri kriminali kontra Dun Anton Grech, minhabba allegata misappropjazzjoni, stante li gie allegat mill-imputat li huwa kien ghadda somma ta' €89,776 lil Dun Anton Grech ghal progetti gewwa l-Gwatemala u skont l-imputat, dawn il-progetti jew ma sarux jew inkella ma gewx kompluti.

Fir-rapport li sar mill-imputat, Luigi Duca kellu 4 allegazzjonijiet principali kontra Dun Anton Grech.

1. Fl-ewwel lok, huwa allega li fis-sena 2007 wara li kien mar il-Gwatemala ma' tal-Mission Fund, huwa kien gabar somma biex jinbnew xi djar. Skont hu, kull dar kellha tigi tiswa €1165, u huwa jghid li gabar €65,000. Allura skont hu, allegatament kellhom jinbnew 55 dar. Hu però jallega li minflok 55 dar inbnew biss 19. Hu jghid ukoll li li l-istess flus li huwa nefaq biex jinbnew id-19 –il dar, €23,000, ingabru ghaliex skont hu meta dar kienet titlesta din

[4] Ibid. at p.423

kienet tinbiegh ghall-istess prezz li huwa €1165 u kien jihtallas fix-xahar sakemm l-ammont jithallas kollu.

2. Fit-tieni lok, Luigi Duca jallega li huwa kien gabar €16,000 biex dawn l-istess djar jintlew bl-ghamara, imma skont hu ghamara qatt ma nxtrat.

3. Fit-tielet lok, huwa jghid li f'Jannar 2011 huwa kien gabar is-somma ta' €7,575 biex jghin skola gewwa San Manwel Chapparon li kienet falluta, u skont Luigi Duca, it-teachers ta' din l-iskola qalulu li l-flus qatt ma waslu jew qatt ma gew uzati ghall-iskola.

4. Fir-raba' lok, Luigi Duca jallega wkoll illi fil-Milied tas-sena 2013 huwa kien iddecieda li jibni farm tat-tigieg gewwa San Manwel Chaparron u li tah is-somma ta' €5200. Jghid però Luigi Duca li ghalkemm tah il-flus biex jaghmel dan ic-*chicken farm* go Chapparon, Dun Anton kien qallu li l-farm kien se jaghmlu go Izabal, u li skont hu kull ma ghamel Dun Anton kien li biddel tabella ta' farm li kien hemm digà go Izabal, u li ghalhekk ma bena l-ebda farm.

Dan ir-rapport huwa dwar numru ta' allegazzjonijiet dwar misappropjazzjoni fejn l-imputat allega li huwa kien jghaddi l-flus Dun Anton u dan jew kien izommhom ghalih jew ma kienx jispicca l-progett.

In segwitu ghal dan ir-rapport, il-pulizija bdiet tinvestiga dawn l-allegati reati kif fejn ghamlet kuntatt ma' Dun Anton stess li fi zmien tar-rapport

kien qieghed gewwa l-Gwatemala. Huwa infurmaha illi kien lest li jikkopera u jghaddi kwalsiasi informazzjoni li kien hemm bzonn. Meta Dun Anton Grech kien mar id-Depot u saret l-interrogazzjoni tieghu mill-ufficjal prosekutur[5] barra li Dun Anton prezenta numru ta' dokumentazzjoni originali li kien gab mill-Gwatemala:

> *"kien ipprezentali wkoll footages ta' interviews li kien ghamel Duca ma' media lokali, fejn huwa jghid li l-progetti kollha saru. Illi c-chicken farm sar, illi l-flus ghaddew ghal iskola, tant kemm ghaddew ghal iskola, t-teachers zdiedu u zdiedul-istudenti wkoll. Bazikament kienu qed jikkontradixxu r-rapport li kien ghamel fil-bidu.[6]"*

L-Ufficjal Prosekutur spjegat kif wara dawn il-provi hija kienet baghtet ghal Duca u haditlu stqarrija fejn irrinfaccjatu wkoll bid-dokumenti kollha li kien prezenta Dun Anton. Spjegat ukoll kif kien gie organizzat konfront bejn Duca u Dun Anton, fejn iz-zewg partijiet kienu akkumpanjati mill-avukati di fiducja taghhom, u kif minn dan l-konfront irrizulta li mhux biss Duca ma riedx jaf bl-ebda spjegazzjoni ghall-allegazzjonijiet li kien ghamel, jew almenu jara l-provi dokumentarji b'mod specjali l-accounts dwar il-progett tad-djar[7], izda wkoll li qabel ma kien mar jaghmel ir-rapport mal-pulizija, huwa ma talab ghall-ebda spjegazzjoni jew kjarifiki minghand Dun Anton jew xi hadd iehor fil-Gwatemala.[8]

---

[5] Folio 16 et seq
[6] Folio 16
[7] Folio 19:: "Nghid illi printjajt ir-ritratti kollha tad-djar illi kien ipprezentali Dun Anton mal-kuntratti. Urejthom lil Luigi, tlabtu biex jara l-accounts, am riedx jarhom l-accounts"
[8] Folio 19

Dawn l-istess allegazzjonijiet ta' Duca kontra Dun Anton hargu ukoll fil-mezzi tax-xandir fejn gew ippublikati anke artikoli fuq gazzetti.

Da parti tieghu Dun Anton dejjem cahad l-allegazzjonijiet li kien qed jaghmel Duca.

Sa meta bdew dawn il-proceduri Dun Anton ma kien ghamel l-ebda rapport kontra Duca ghaliex huwa minn dejjem hafirlu ta' dak kollu li ghamillu u kellu t-tama li Luigi Duca jinduna li kien qed jizbalja u jirtira l-allegazzjonijiet tieghu. Meta hareg bic-car li Duca ma kienx lest li jirtira l-allegazzjonijiet tieghu, Dun Anton kellu kontra qalbu jitlob li Duca jigi investigat ukoll ghall-malafama li kienet qed issir, u dan kif spjega Dun Anton stess <u>**mhux biss minhabba f'dak li kien qed jirrinfaccja hu personalment, izda minhabba r-riperkussjonijiet serji li seta' jkun hemm fuq il-missjoni tieghu, b'mod partikolari l-foqra li ma jibqghux igawdu mill-gid li kienu qed jaghmlu l-Maltin kollha maghhom.**</u>

Il-kwerelant ddikjara sa mill-ewwel darba li xehed f'dawn il-proceduri li huwa kien konsapevoli tal-gid li kien ghamel Luigi Duca meta tul numru ta' snin ha l-inizzjattivia li jigbor fondi ghall-missjoni, izda ddikjara wkoll illi huwa kien bezghan li l-gid kollu li ghamel kien se jittappan bl-agir skorrett ricenti tieghu. Huwa ghalhekk iddikjara wkoll illi kull ma ried kien li Luigi Duca jaghraf li kien qed jizbalja u jiddezisti milli jibqa' jaghmel l-allegazzjonijiet u jirtirhom.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[9]

F'Decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[10] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm deskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma

[9] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[10] Appell Kriminali Numru. 115/2006

sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>Prezunzjoni tal-innocenza</u>**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta'

buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu ghoxrin (20) xhud kif gej:

Spettur Anna Marie Xuereb (*a fol* 11 et. seq.); Dun Anton Grech (*a fol* 200 et. seq.); Heidy Yolana Aguilar Gudial (*a fol* 310 et. seq.);Profs. Carmelo Agius (*a fol* 320 et. seq.); Joe Mifsud (*a fol* 326 et. seq.); Fr. Marcellino Micallef (*a fol* 334 et. seq.); Fr. Mario Said (*a fol* 341 et. seq.); Fr. Brian Gialanze (*a fol* 346 et. seq.); Ray Libreri (*a fol* 350 et. seq.); Victor Vella (*a fol* 353 et. seq.); Pierre Pulis (*a fol* 357 et. seq.); Mons. Isqof Mario Grech (*a fol* 368 et. seq.); Stephan Grech (*a fol* 372 et. seq.); Imelda Fede (*a fol* 379 et. seq.); Alvin Scicluna (*a fol* 412 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 420 et. seq.); Luigi Duca (*a fol* 430 et. seq.); Fr. Angelo Vella (*a fol* 464 et. seq.); Carmelo Desira (*a fol* 472 et. seq.);

**IX-XHIEDA TAL-KWERELANT**

Ix-xhud **Dun Anton Grech** jispjega kif kien iltaqa' ma' Luigi Duca fis-sena 2007, meta dan kien mar il-Gwatemala mal-Mission Fund biex jibnu fish farm, u minn hemm Duca kien baqa' jmur il-Gwatemala kull

sena ghall-habta tal-Milied. Jghid ukoll li sa mis-sena 2009 huwa kien telaq minn San Manwel Chapparon u kien mar f'parrocca ohra, Izabal li huwa il-boghod 4 sieghat bil-karozza minn Chapparon. Mis-sena 2009 sal-ahhar li mar il-Gwatemala Duca qabel ma bdew isiru l-allegazzjonijiet f'Awwissu 2015, huwa ma kienx ikun fl-istess rahal li fih kien imur Duca, izda kien ikun 4 sighat il-boghod.

Jispjega minn fejn nibdet l-idea tad-djar minghand l-imputat Duca. Huwa jispjega li meta kienu telghu l-grupp tal-Mission Fund fis-sena 2007 huwa kien hadhom gewwa villagg jismu Las Ventanas u hemmhekk kien urihom kamra zghira li kienet saret ghal familja veru fqira, u hemmhekk kien qallhom li dik il-kamra zghira kienet giet tiwsa Lm500[11]. Ix-xhud jispjega li mbaghad Duca kien avvicinah u qallu li jixtieq jaghmel progett tad-djar u ghalkemm ghall-bidu il-kwerelant ma riedx jidhol ghal dan il-progett, wara xi zmien l-imputat kien rega' mar ghandu wara li gabar il-flus u hemm hekk kien qallu li jista' jghinu però kien gharrfu wkoll li se jkun hemm kumitat. Ix-xhud jghid ukoll li l-imputat ma kienx ikkonsulta mieghu qabel dwar kemm kienet ser tigi tiswa kull dar meta kien ghadu qed jigbor il-flus. Izda meta mbaghad l-kwerelant kien infurmah li ser jghinu, huwa kien gharrfu sa mill-bidu nett li d-djar ma kienux ser jiswew Lm500 kif kien dahhalha f'rasu l-imputat izda kienu ser jiswew €3000[12]. Dan minhabba li d-djar kienu ser ikunu differenti ghaliex ftit ikbar minn dik il-kamra li kienu raw mal-grupp tal-Mission Fund. Ix-xhud jispjega wkoll illi huwa mhux biss informa lill-imputat li kien ser ikun hemm kumitat izda Duca: "*kien jaf*

[11] Folio 203
[12] Folio 204

*min huma, ltaqghu mieghu, urjetu kif ha jinhadem il-progett, jigifieri konxju kien zgur sa mill-bidu*[13]*".*

Ix-xhud ipprezenta numru ta' dokumenti in konnessjoni mal-progett tad-djar, fosthom l-ircevuti originali, dikjarazzjonijiet ta' kwazi kull persuna li bbenefikat minn dar, u rapport dettaljat ta' akkontabilità minn awditur fil-Gwatemala stess li wera l-ispejjez totali in konnessjoni mal-istess progett[14].

Ix-xhud jghid dwar l-allegazzjoni tas-€16,000 li l-imputat jghid li gabar ghall-ghamara jispjega li Duca ma kienx ikkonsulta mieghu qabel ma beda jigbor il-flus ghall-ghamara[15]. Huwa jispjega wkoll kif wara li l-imputat kien kiteb ktieb u inqeda b'isem bih biex jigbor il-flus, l-imputat kien mar ghandu bil-flus biex issir l-ghamara fid-djar[16]. Ix-xhud jghid li kien spjegalu li huwa ma qabilx li l-flejjes jintuzaw ghall-ghamara ghaliex kien hemm persuni ohra li kellhom iktar bzonnijiet u kien hemm progetti aktar importanti u allura kien qallu li l-flejjes kienu ha jmorru ghal progetti ohra skont il-prioritajiet l-iktar importanti[17].

Rigward il-flus li l-imputat ghadda lill-kwerelant ghall-iskola Madre Teresa, ix-xhud jispjega li huwa ghalkemm ma kienx personalment responsabbli mill-iskola, Duca kien ghaddha l-flus lilu u minn naha tieghu kien ghadda l-flus lill-iskola bil-kundizzjoni li dawn il-flus

---

[13] Folio 206
[14] DOK AG4.
[15] Folio 211 u 213
[16] Konferma li l-progett tad-djar kien wiehed posittiz u li Duca ma kellu l-ebda ilment dwaru ghaliex kieku ma kinex ser johrog bl-idea li tinxtara l-ghamara ghal dawn l-istess djar.
[17] Folio 213

jintuzaw ghall scholarship ghall-istudenti[18]. Ix-xhud jghid li Duca dan kollu jafu. Ix-xhud ipprezenta wkoll dikjarazzjoni mid-direttur tal-iskola[19].

Rigward imbaghad il-progett tal-farm tat-tigieg, ix-xhud jispjega ic-cirkostanzi in relazzjoni mal-istess progett u jikkonferma li l-progett sar. Ix-xhud jipprezenta wkoll l-ircevuti originali u anke c-cheque stubb li bih huwa hallas ghat-tigieg[20].

Ix-xhud jispjega kif l-imputat qatt ma kellu l-ebda ilment kwalsijasi dwar dawn il-progetti u baqa' ghaddej jigbor il-flus ghal progetti ohrajn[21]. L-imputat qatt ma talab lil Dun Anton biex jara l-accounts tal-progett tad-djar[22]. Ix-xhud spjega li l-imputat qatt ma kien ilmenta jew qajjem kwistjonijiet dwar il-progetti. Ix-xhud esebixxa ittra miktuba mill-imputat fl-10 ta' Jannar 2015[23] fejn fiha Duca jidher li qieghed jirringazzja lil Dun Anton ghall-pariri genwini li tah u ta' dak kollu li jaghmel mieghu u sahansitra jinfurmah li l-progett li gej huwa garantit. Ix-xhud jispjega li f'din id-dikjarazzjoni[24] ma kien hemm l-ebda tracca zghira kemm hi zghira ta' xi ilment dwar l-progetti.

---

[18] Folio 214
[19] Vide dikjarazzjoni bil-lingwa portugiza a folio 277 (DOK AG5), u t-traduzzjonijiet ghall-lingwa Ingliza u ghall-lingwa Maltija fol 385 u 421
[20] Folio 113 u 114
[21] Folio 208
[22] Folio 208 - 209
[23] Ittra li l-imputat jikkonferma li kiteb – DOK AG1 folio 242
[24] Id-data ta' din il-korrispondenza li inkitbet mill-imputat lil Dun Anton Grech hija importanti inkwantu inkitbet fl-ahhar darba li kien mar il-Gwatemala fil-Milied tas-sena 2014 (Dicembru 2014 – Jan 2015), precizament ftit xhur qabel ma f'Awwissu 2015 l-imputat beda jaghmel l-allegazzjonjiet kontrih.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir- reat deskritt bhala kalunja kif dispost fl-artikolu 101 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-imputat akkuza Dun Anton Grech, missjunarju fil-Gwatemala quddiem awtorita` kompetenti b'reat.

Skont is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar l-hamsa ta' Frar 1998*** fl-ismijiet **Il- Pulizija v George Borg**, kien hemm t-tlett elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kaljuna u cioe:

1. L-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil peruna ddenunzjata;
2. L-akkuza quddiem l-awtorita` kompetenti; u

3. Li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjant ikun jaf li d- denunzjat huwa innocenti [ara wkoll Rex v Caterina Debono - 12.11.1919 u Il-Pulizija v Violet Smith - 07.06.1952 Appell Kriminali].

Kif jispjiega **Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu** a rigward tal-element formali ta' dan r-reat,

> "*The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accused who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him.*" *[pg. 62]*

*The knowledge on the part of informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid on the complaint made must be certain so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation.*" *[pg. 62]*"

**Section 101 – Calumnous or False accusation.**

Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il- kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir- reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id- denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta'l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal- persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis- 7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il- Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

Fl-ahharnett f'sentenza ohta tal-Qorti ta'l-Appelli Kriminali gie deciz: ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill- awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall- konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)***

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Grech deciz fit-22 ta' Lulju 1996,** il-Qorti irriteniet illi minkejja illi l-ligi tippreskrivi l-formalita' li ghandha tkun osservata fl-ghemil tad-denunzja lill-Pulizija, "n-nuqqas ta' formalita' m'ghandiex tipprekludi lil-pulizija milli tinvestiga reati allegati permezz ta' denunzja nieqsa minn din il-formalita'. Anzi l-Puizija hija fid-dmir fid-dmir li tagixxi anke fuq informazzjoni li taslilha permezz ta' tali denunzja monka. Effettivament huwa dmir tal-Pulizija li "zzomm l-ordni u l-kwiet

pubbliku, li ma thallix isiru ireati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi...".

**L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9**:

Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar 'il fuq filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence.***

***On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

**Section 110(2) – the simulation of an offence**

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil- maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ... (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."***

F'sentenza moghtija mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is- simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali tar-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat johrog car illi il-kaz in dizamina certament ma huwiex il-kaz ta' simulazjoni reali jew indiretta peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputat kien qed jipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kien qed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz' izda jista' jigi inkwadrat biss taht 'l hekk imsejha simulazzjoni verbali jew diretta peress illi huwa irrapurta lill- Awtorita' kompetenti (u cioe' lill-pulizija) persuna partikolari b'reat, liema reat igorr mieghu piena karcerarja.

L-imputat akkuza lis-sacerdot missjunarju fil-Gwatemala Dun Anton Grech b'reat fejn irrizulta b'mod car mill-provi migjuba illi l-imputat kien jaf ben tajjeb illi dana ma kienx minnu u inoltre illi r-raguni 'il ghala huwa ghamel dana kien proprju biex jaghmel hsara lis-sacerdot, dana konsegwenza ta' animosita' li nibtet minhabba mizuri li ha s-sacerdot fil-

konfront tal-imputat meta gibidlu l-attenzjoni ghal nuqqasijiet waqt li dan kien imur il-Gwatemala jwettaq hidma volontarja.

**KONKLUZZJONI**

Il-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

F'dar-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Il-Qorti kellha c-cans li ssegwi ix-xhieda ta' Dun Anton Grech u d-dokumenti li esebixxa. Din t-testimonjanza hija importanti hafna biex il-Qorti waslet biex tiddeciedi dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

Din it-testimonjanza, anke permezz ta' dokumenti u dikjarazzjonijiet ta' terzi, turi li ma sar l-ebda reat ta' misappropjazzjoni da parti ta' Dun Anton Grech in konnessjoni mal-progetti fil-Gwatemala.

Tali xiehda turi wkoll kif l-imputat kien jaf bid-dettalji kollha dwar il-progetti, liema progetti huwa kien jara b'ghajnejh kull darba li kien

isiefer fil-Gwatemala. Dan ifisser ukoll li l-imputat bil-partecipazzjoni attiva tieghu kien jaf li ma kien hemm l-ebda rregolarità kwalsiasi dwar dawn il-progetti, aktar u aktar atti illegali.

Jidher bic-car li meta l-imputat ghazel li jmur ghand il-pulizija jirrapporta lil Dun Anton Grech b'misapproprjazzjoni l-imputat kien edott mill-fatt li kien qed jiddenunzja reat li kien jaf li ma sarx, kif ukoll li kien qed jakkuza persuna quddiem l-awtoritajiet kompetenti meta kien jaf li tali persuna kienet innocenti, izda kien xprunat mill-fatt li ftit tax-xhur qabel Dun Anton Grech kien talbu biex ma jergax imur il-Gwatemala fil-missjoni tieghu u dan wara li kien jibghatlu l-alkohol fil-containers ad insaputa ta' Dun Anton meta dawn suppost kienu containers ghall-karità u ghall-fqar. Il-problema tax-xorb kienet wahda mill-fatturi li wasslet biex fil-Milied tal-2014 Dun Anton Grech kellu jghidlu biex ma jmurx iktar il-Gwatemala fil-missjoni tieghu.

Rigward il-malafama u l-ingurja, l-parte civile hafer lill-imputat izda l-Qorti thoss li ghandha taghmel dawn il-kummenti in vista tal-emendi li saru fil-ligi fejn il-Qorti thoss li kwazi f'pajjizna issa ghandna sitwazzjoni free for all, minn sitwazzjoni nejja issa ghandna sitwazzjoni mahruqa, minghajr bilanc ta' xejn.

Tul dawn il-proceduri l-legislatur iddecieda li jnehhi l-artikolu 252 mill-Kodici Kriminali permezz tal-Att XI tal-2018. Dan sehh meta saret riforma fejn tidhol il-ligi tal-istampa wara diskussjoni li kien ilha ghaddejja s-snin biex jitnehha l-libell kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-Legislatur ingarr mal-kurrent u mas-sikrana spicca hasad il-qamh ukoll. Ma kien ghaqli xejn li l-Legislatur nehha dan l-artikolu

mill-Kodici Kriminali. Din it-tip ta' ingurja ma kinetx marbuta mal-media, ghaliex kazijiet marbuta mal-istmapa kienu jkunu processati permezz tal-Att dwar l-Istmpa.

F'artikolu 256 (1) tal-istess Kodici Kriminali kien jipprovdi li *"fil-każijiet ta' inġurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, igħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa."*

Wiehed kien irid idur ghall-Att dwar l-Istampa Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta li thassar permezz tal-Att XI tal-2018.

F'artikolu 2 tal-Ligi tal-Istampa kienet tinghata d-definizzjoni ta' "stampat" u jfissirha bhala *"kull kitba stampata b'tipi tipografiċi jew bil-litografija jew b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn fuq karta jew sustanza oħra, kif ukoll kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impinġija, riżaltata jew xort'oħra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz ieħor li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu, jitwasslu jew jiġu riprodotti".*

Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll fl-Appelli Kriminali trattaw x'jikkostitwixxi "stampat b'tipi tipografici".

Fl-Appell Kriminali Il-**Pulizija versus Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras** deciz fl-20 ta' Jannar 1997 mill-Imhallef Vincent DeGaetano jinghad li meta l-legislatur qed jitkellem dwar "stampat b'tipi tipografici" fl-Att dwar l-Istampa l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri

li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika, jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultati finali simili ghal dak tipokrafiku hu rreleveanti.

Fl-istess sentenza jinghad li ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni msemmi fl-Att tal-Istampa, stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Dr Joseph M Ciappara vs Joseph Zammit** deciz fis-7 ta' Mejju 1991 l-Imhallef Joseph Said Pullicino jsostni li d-definizzjoni ta' stampat fl-Att tal-Istampa hi mill-aktar wiesgha u hi intiza biex tkopri kull forma ta' mezz kif jista' jigi imwassal messagg lill-haddiehor. Indubbjament il-mezz modern tal-computer hu avvanz kbir fuq it-tipografija u il-litigrafija, imma certament hu wkoll mezz tal-istess generu u jaqa' facilment that id-dicitura generika tal-ligi ta' "mezz jew processi ohra bhal dawn".

Il-Qorti issa tinsab f'sitwazzjoni fejn kazijiet ta' ingurja huma punti bhala kontravenzjoni fejn il-pieni baqghu l-istess jew wiehed imur ghal estrem fejn persuna tista' tinghata perjodu ta' detenzjoni jew inkella l-emenda redikola ta' massimu ta' €58 ammenda. Wasal iz-zmien li biex tassew issir gustizzja din l-ammenda tgholla bhala massimu taghha biex tassew tkun ta' detterent.

Kwantu ghall-insulti, ossia ingurji, kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella** deciz fit-30 ta' April 2001:

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skont l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skont il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttametn jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('*with the object of destroying or damaging the reputation of any person'*, fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontrravvenzjoni skont il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."**

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA

Il-kwerelant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu isostni illi l-iktar haga importanti kemm ghall-kxif tal-verità, kif ukoll dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat huma s-segwenti dikjarazzjonijiet li ghamel Duca stess quddiem il-Qorti *"fejn prattikament qal bil-kontra ta' dak kollu li kien qed jallega kontra Dun Anton fir-rapport li ghamel mal-pulizija"*.

F'din it-testimonjanza insibu li Duca jghid:

> *"Jiena mhux qed nakkuzah fiex ghamilhom, jien mhux qed nghid li tefaghhom fil-but."*[25]

[25] Folio 433

Jikkonferma li l-flejjes li ghaddielu ghal-farm tat-tigieg intuzaw ghall-farm tat-tigieg u mhux biss li inbidlet il-banner:

> *"Le ntuzaw ghac-chicken farm.....Qed naqblu biex inbidlu t-tigieg"*[26]

Rigward il-progett tad-djar jaccetta li l-flus kollha li ghadda lil Dun Anton intuzaw ghad-djar u mhux li l-kwerelant zamm il-flus ghalih:

> "Pros: *Meta sur Duca ha nibdew bicca bicca, mela Luigi r-rapport li ghamiltli fuq id-djar illum il-gurnata int konvint illi l-flus kollha li ghaddejt lil Dun Anton intuzaw kollha ghad-djar, konvint jew le?*
> Xhud*: Jien jidhirli li hekk hu. Imma jien gejt infurmat bihom xejn dawn l-affarjiet."*[27]

Iktar importanti minn hekk Duca jghid ukoll li:

> *"Spettur jiena fl-ebda stadju ma ghidt li dak li ha l-flus ta, qatt ma ghidtha din la fil-pubbliku u lanqas fil-maghluq, qatt ma ghidtha.*
> *....*
> *Le jiena ma ghandix dubju, jiena mhux qed nghid li hadhom ghalih.*
> *....*
> *Le jiena ghandi fiducja li ma hadhomx ghalih."*[28]

---

[26] Folio 436
[27] Folio 441
[28] Folio 443

Il-kwerelant isosstni li:

> *"dawn id-dikjarazzjonijiet huma ferm kontrastranti ma dak li qal lil-pulizija meta ghamel ir-rapport fejn allega li Dun Anton kien zamm ghalih €81,000 u minhabba f'hekk ghajru korrott u frodist bil-provi*[29]*.*
>
> *L-esponenti umilment jissottomettu illi dawn id-dikjarazzjonijiet jitkellmu wehidhom u ma ghandhomx bzonn ta' interpretazzjonijiet twal. Jinghad biss bir-rispett illi filwaqt illi juru b'mod car li Dun Anton zgur qatt ma kkommetta l-ebda att ta' misappropjazzjoni kif gie allegat minn Luigi Duca, u juru kif ir-rapport li ghamel Duca kontra Dun Anton ghamlu meta kien jaf li tali rapport kien wiehed falz, juru wkoll però, li almenu fl-ahhar, l-imputat iddecieda li jghid il-verità kollha u mhux ikompli ghaddej bl-allegazzjonijiet inveritjieri tieghu mibnija fuq nofs veritajiet u/jew misinterpretazzjoni volontarja tal-fatti, skont kif konvenjenti ghalih bir-rizultat li jaghmlu hsara kbira lil Dun Anton.*
>
> ***Konsegwentament, minghajr ma b'xi mod jipprova jindahal fil-process gudizzjarju u l-proceduri ex officio, da parti tieghu l-parte civile ihoss illi dawn l-ahhar dikjarazzjonijiet kwotati ta' Luigi Duca almenu jistghu b'xi mod jnaqqsu l-hsara li saret b'dan ir-rapport u l-allegazzjonijiet foloz li saru fuq il-mezzi tax-xandir, kif ukoll illi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti fil-gudizzju taghha specjalment meta tghaddi biex tikkunsidra x'piena ghandha tinghata f'kaz li ssib htija.***

---

[29] Folio 75

*Da parti tieghu l-parte civile digà ddikjara sa mill-bidu tal-proceduri li huwa kontra qalbu kien spicca jaghmel kwerela kontra Duca, wara li kien ra li Duca kien ser jibqa' ghaddej bl-allegazzjonijiet skorretti kontra tieghu. In oltre, Dun Anton kien spjega ukoll illi huwa kien qed jahfer lil Duca u li kull ma ried kien li Duca jaghraf li qed jizbalja u jiddezisti milli jibqa' ghaddej bl-allegazzjonijiet foloz.*

*Konsegwentament, konsapevoli ukoll tal-gid li kien ghamel Duca meta gabar dawk il-flejjes ghal progetti varji fil-Gwatemala, <u>il-parte civile jiddikjara illi huwa ma jixtieqx illi f'kaz ta' htija l-imputat jinghata piena karcerarja</u>, u li ghalih digà huwa hafna li fl-ahhar Luigi ddikjara bil-gurament quddiem dina l-Onorabbli Qorti li l-flejjes li huwa kien ghadda lil Dun Anton ghaddew kollha ghall-progetti u li Dun Anton ma ha xejn fil-but."* Enfasi tal-Qorti

**Ikkunsidrat:**

Illi tenut kont li r-rapport tal-imputat mertu tal-kawza fih allegazzjonijiet foloz u li seta ta lok ghal-proceduri kriminali kontra persuna innocenti u seta ukoll kellu riperkussjonijiet serjissimi anke ghal kariga li ghand Dun Anton Grech, il-Qorti f'cirkostanzi normali ma tistax ma tkunx severa mal-imputat fil-piena tieghu.

Il-Qort tat cans lill-imputat fuq mhedda ta' seduti biex jaghraf li zbalja u jitlob skuza ghall-allegazzjonijiet foloz li saru fil-konfront tas-sacerdot

biex dan ikun ikkonsidrat fil-piena u dan anke wara li nghataw spjegazzjonijiet u giet prezentata dokumentazzjoni li turi l-innocenza tas-sacerdot.

**F'pajjizna ma jistax ikun li nibqghu nittolleraw li f'gieh l-espressjoni hielsa tal-kelma nfarku persuni minghajr dawn ma jkollhom rimedju. Meta tixxandar allegazzjoni falza fuq persuna tohloq dannu kbir mhux biss lilha imma l-qraba taghha u dawk li jahdmu mal-istess persuna.**

Meta jsiru allegazzjonijiet foloz kif saru f'dan il-kaz, wiehed jista' jqablu bhal kaz fejn persuna jkollha xkora mimlija rix, tmur fix-xaghri u tferrex dak ir-rix. Wara tiddeciedi li tipprova tigbor dak ir-rih izda ma jirnexxiliex tigbor ir-rix kollu. Hekk jigri meta jsiru allegazzjonijiet bhal ma saru f'dan il-kaz fejn persuna li qeghda taghti hajjitha ghal dawk l-ifqar fost il-fqar tispicca akkuzata b'misapproprijazzjoni ta' donazzjonijiet li l-Maltin u l-Ghawdxin jaghtu lill-missjunarji taghna.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottiv l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), raba' (4) u l-hames imputazzjoni u minnhom tilliberh u wara li rat Artikoli 101 u 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi illi ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) u (3) imputazzjoni migjuba kontrih u fic-cirkostanzi kif zviluppaw minhabba l-hniena li wera mieghu l-*parte civile*, l-eta' tieghu (69 sena), l-gid li ghamel qabel sehh da nil-kaz u

peress li tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux spedjenti li timponi piena kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 7(2) u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma emanat dan l-ordni hija fissret lill-ħati, bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatji kun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni ghat-tliet snin li gejjin skont id-digriet hawn anness.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**